MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 37/2004/1

**Alpine Travel Limited.**

**vs.**

**Helen armla tal-President tal-Qorti Dottor Carmelo Schembri u John, Robert, David, Joseph, Mario, Michael, Rosanne mart Herbert Scerri minnu legalment separata llum iggib il-kunjom Schembri, Lucia mart Stephen Dimech, Connie mart Stefan Grech, Christine mart Robert Pace u Angela mart David Cassar Borg ilkoll ahwa Schembri u l-Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat it-18 ta' Ottubru 2004 a fol. 1 tal-process u pprezentat quddiem il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-intimati Helen armla tal-President tal-Qorti ta' l-Appell Dottor Carmelo Schembri u John, Robert, David, Joseph, Mario, Michael, Rosanne mart Herbert Scerri minnu legalment separata llum iggib il-kunjom Schembri, Lucia mart Stephen Dimech, Connie mart Stefan Grech, Christine mart Robert Pace u Angela mart David Cassar Borg ilkoll ahwa Schembri kienu pprezentaw kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta` rikorrenti fejn kienu talbu x-xoljiment ta' l-iskrittura tal-15 ta' Dicembru, 1969 minhabba l-ksur da parti tal-konvenuti ta' l-obbligu taghhom li ma jaghmlux alterazzjonijiet strutturali fil-fond lilhom mikri u li jigu kkundannati jizgumbraw mill-istess fond;

Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kors tas-smiegh tal-kawza appuntat bhala perit tekniku lill-perit David Pace li kien hejja rapport fejn irrelata li l-esponenti kienu ghamlu alterazzjonijiet strutturali bi skur tal-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni u li ghalhekk kellhom jigu zgumbrati mill-fond;

Illi ghas-segwitu ta' dan ir-rapport il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet billi laqghet it-talbiet ta' l-atturi u ordnat l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond jismu Alpine Travel, Bisazza Street, Sliema; dan gara anke *nonostante* l-opposizzjoni tar-rikorrenti li kienu ssottomettew li l-perit tekniku ma kellu l-ebda mansjoni jew dritt li jiirrelata fuq il-punt prettament legali jekk l-alterazzjonijiet li huwa sab li saru kienux in vjolazzjoni tal-patti kontrattwali u tal-ligi, u l-konsegwenzi fil-ligi ta' tali decizjoni;

Illi sussegwentement l-atturi saru jafu li l-perit Pace kien imparentat permezz ta' zwieg ma' l-atturi fil-kawza li huma kienu tilfu u ssolevaw dan il-punt fl-appell taghhom mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti izda inutilment; fl-appell minnhom interpost huma ssollevaw ukoll il-kwistjoni li t-tribunal kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-atturi fil-kawza ghall-liema saret hawn fuq riferenza kien il-Bord tal-Kera u mhux il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Anke dan l-aggravju taghhom gie michud mill-Onorabbli Qorti

ta’ l-Appell bis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 2003; minn din l-ahhar sentenza l-esponenti esperimentaw ritrattazzjoni izda anke dan inutilment u bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-14 ta' Mejju 2004, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Mejju 2000 ghaddiet in gudikat;

Illi huma jissottomettu bl-akbar rispett li ‘l fuq imsemmija proceduri kienu lesivi tad-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti imwaqqaf b' ligi u mid-dritt li ma jsofrux diskriminazzjoni u dan *a tenur* ta’ l-**artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea,** kif ukoll vjolazzjoni tal-possedimenti taghhom *a tenur* ta’ l-**artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropea** u dan kif ser jigi ahjar spjegat hawn isfel.

Illi fl-ewwel lok l-esponenti sofrew lesjoni tad-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq billi l-perit inkarigat mill-ewwel Qorti u fuq liema l-ewwel Qorti striehet biex waslet ghall-konkluzjoni taghha favur l-atturi kien imparentat ma’ l-istess atturi. B'dan il-fatt il-konvenuti ma kienu jafu xejn u kieku kienu jafu kienu jopponu ghall-prezenza ta’ l-istess perit. Fil-fatt huma saru jafu bl-ezistenza ta’ l-istess parentela wara d-decizjoni ta’ l-istess kawza. Jigi sottomess bir-rispett li l-fatt ta’ l-ezistenza ta' tali parentela bejn min kien determinanti fil-gudizju, u min kien parti f’ dak il-gudizzju, u izjed u izjed il-fatt li l-ezistenza ta' dik il-parentela ma ngiebitx a konjizzjoni tal-konvenuti fil-kawza jitnaqqsu sensibilment minn dawk il-garanziji ta' imparzjalita` u indipendenza li l-konvenuti kienu intitolati jistennew fis-smiegh tal-proceduri quddiem il-Qorti u wasslu biex gie vjolat id-dritt taghhom kif fuq inghad; *inoltre* billi l-istess perit iddecieda wkoll punti legali li kienu fil-mansjoni tal-Qorti li tiddeciedi u mhux tal-perit, il-pregjudizzju minnhom soffert fis-smiegh taghhom kien izjed gravi.

Illi fit-tieni lok kien hemm ukoll ksur tad-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq billi t-tribunal kompetenti biex jisma’ l-kaz taghhom kien il-Bord tal-Kera u mhux il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Il-Qorti ta’ l-Appell iddecidiet li l-kompetenza kienet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Din id-decizjoni hija fil-

fatt mibnija fuq il-mod kif l-atturi pprezentaw it-talba taghhom. Fuq dan il-punt is-sottomissjoni ta’ l-esponenti hija li l-ewwelnett huma gew privati minn dik il-protezzjoni specjali li kull inkwilini jgawdi taht il-ligijiet specjali tal-kera billi tnehha mill-applikazzjoni ghall-kaz taghhom id-dispozizzjonijiet ta' dawk il-ligijiet specjalment, u t-tieni nett b'dan il-mod kien possibbli ghall-atturi li bl-ghazla tal-gurisdizzjoni minnhom maghmula huma gew privati mill-istess drittijiet u protezzjoni taht il-ligijiet specjali tal-kera. Fiz-zewg kazijiet wiehed jispicca b'nuqqas ta' smiegh xieraq minn tribunal kompetenti skond u diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' dak id-dritt kif ukoll inugwaljanza fil-parita` ta' armi rikjesta ghall-smiegh xieraq bejn il-partijiet f’kawza; b'dan il-mod ukoll gie vjolat id-drittijiet taghhom fuq imsemmija;

Illi fit-tielet lok tezisti gurisprudenza li trid li diversi sitwazzjonijiet fejn isiru tibdiliet strutturali ma jwasslux ghall-evizzjoni ta’ l-inkwilin mill-fond. Huwa evidenti li huma biss dawk it-tibdiliet strutturali l-izjed gravuzi li jwaslu ghall-izgumbrament. Fil-kaz prezenti pero` l-inkwilin gie zgumbrat, dejjem fuq il-bazi ta' dak li rrapporta u ddecieda l-perit tekniku, allavolja l-element ta' alterazzjoni kien minimu. B'dan il-mod l-esponent jilmenta li huwa gie sottomess ghall-diskriminazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-ligi ghalih, diskriminazzjoni li huwa sofra sija fid-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq, kemm ukoll fit--tgawdija tal-possedimenti tieghu.

Illi *inoltre* bl-akbar rispett id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq gie les ulterjorment meta r-ritrattazjoni giet trattata u deciza mill-istess gudikanti li kienu ddecidew il-kawza ta' l-ewwel lok. Anke dan kompla jnaqqas dawk il-garanziji ta' imparzjalita` li r-rikorrent kien intitolat jistenna, u dan anke indipendentement mill-fatt jekk dawk il-gudikanti kienux imparzjali jew le.

Illi bhala rizultat ta' dan kollu huwa gie sussegwentement zgumbrat mill-fond lilu appartenti, imfittex ghad-danni, kif ukoll soggett ghall-telf kbir ta’ negozju kif jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li bil-proceduri fuq imsemmija gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu ghall-smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti imwaqqaf b' ligi u mid-dritt li ma jsofrux diskriminazzjoni u dan *a tenut* ta' l-**artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**, kif ukoll vjolazzjoni tal-possedimenti tieghu, u cioe` tal-lokazzjoni tal-hanut maghruf bhala Alpine Travel, Bisazza Street, Sliema, *a tenut* ta' l-**artikolu 1 ta' l-ewwel protokoll ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea**, u b' hekk taghtih dawk ir-rimedji kollha li jidrilha mehtiega u opportuni, inkluz it-thassir tal-precitati sentenza u d-danni li huwa sofra bhal rizultat ta' l-istess proceduri.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh fit-18 ta' Ottubru 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 2004.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tar-Repubblika datata 2 ta' Novembru 2004 a fol. 7 tal-process fejn espona:

1. Illi fl-ewwel lok, ghal dak li jirrigwarda l-ilment ta' nuqqas ta' smiegh xieraq *ai termini* ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** ghandu jinghad li s-socjeta' rikorrenti kellha rimedju iehor x' tezercita quddiem il-Qrati ordinarji, u cioe' dak illi – fl-istadju tat-trattazzjoni - titlob ir-rikuza ta' l-imhallfin involuti a bazi tal-fatt illi kienu diga' iddecidew l-ewwel kawza. Meta hija naqset illi taghmel dan *in limine litis* is-socjeta` rikorrenti ghamlet ghazla li biha accettat illi l-kawza tigi deciza mill-imsemmija Mhallfin. Hija ma tistax ghalhekk issa gustament tilmenta minn xi lezzjoni ta' drittijiet fondamentali. Huwa ghaldaqstant indikat fuq din il-kwistjoni din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet Kostituzzjonali taghha u dawk taht il-**Kap 319** *stante* mezzi ordinarji xierqa ta' rimedju li ma sarx access ghalihom.

2. Illi rigward l-ilment dwar l-allegata parentela tal-perit espert tekniku li ghamel ir-rapport fil-prim' istanza u l-kontro-parti, l-istess bhall-ilment rigward il-forum adatt li fih kellha tinstema' l-kawza, l-esponent jipprezumi li dawn

kienu r-ragunijiet li fuqhom giet bazata t-talba ghar-ritrattazzjoni, ghalkemm fil-verita' ir-rikors promotur ma jispecifikax taht liema kap saret ir-ritrattazzjoni. Jekk dawn l-ilmenti ma tqajmux it-tnejn li huma fir-ritrattazzjoni, allura dan jikkostitwixxi nuqqas li ma jistax issa jigi sanat permezz ta' azzjoni Kostituzzjonali.

Huwa rilevanti wkoll f'dan ir-rigward din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha ma ghandhiex il-mansjoni tirrevedi interpretazzjonijiet tal-ligi maghmula minn Qrati ohra izda din il-Qorti tikkoncerna ruhha biss minn dawk l-interpretazzjonijiet unikament in kwantu dawn jistghu jaghtu lok ghal lezjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Illi l-ilment tas-socjeta' rikorrenti dwar diskriminazzjoni *ai termini* ta' l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa frivolu *stante* li n-nuqqasijiet li qed tilmenta minnhom is-socjeta' attrici m'humiex ta' natura tali li jaqghu fl-ambitu tad-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni taht il-Kostituzzjoni u taht il-Konvenzjoni Ewropea.

4. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid–dritt u ghandhom jigu michuda.

5. Minghajr pregudizzju ghall-premess kwantu bazat fuq l-informazzjoni li tqeghdet ghad-dispozizzjoni ta’ l-esponent f'dan l-istadju, l-esponent jirrizerva illi jirrispondi ghall-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti aktar fid-dettall meta jirrizultaw b'mod aktar car il-fatti illi fuqhom l-istess socjeta` qieghda tibbaza t-talbiet taghha.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati kollha (barra dik ta’ l-Avukat Generali) datata 8 ta’ Novembru 2004 a fol. 9 tal-process fejn esponew:-

Illi dan huwa t-tielet **'appell'** tar-rikorrenti mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **'Helen mart il-President tal-Qorti ta’ l-Appell 'Dottor Carmelo Schembri et vs Anthony George Zahra Noe'** deciza fis-26 ta Mejju 2000 kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-

Appell tat-30 ta Mejju 2003 u mis-sentenza ta’ rittratazzjoni decizi fl-14 ta Mejju 2004 mill-istess Qorti.

Illi dan l-odjern rikors huwa manifestament frivolu u vessatorju billi l-lanjanzi kollha sottomessi fir-rikors gew trattati ampjament u deciza fis-sentenzi imsemmija hawn fuq.

1) Illi l-ewwel aggravju avvanzat mir-rikorrent huwa illi il-Petit tekniku ma kellu l-ebda mansjoni jew dritt li jirrelata fuq il-punt prettament legali……'

Illi wiehed ihossu skoncertat kif ukoll konfuz kif ghandu jirrispondi ghal aggravju hekk assurd u puerili.

Huwa fatt illi jghid x' jghid il-perit tekniku fir-rapport tieghu hija l-Qorti li tiddeciedi l-kawza u mhux il-perit tekniku.

2) Aggravju iehor li issolleva r-rikorrent huwa illi l-Perit Tekniku kien imparentat permezz ta’ zwieg ma’ l-atturi.

Illi r-rikorrent huwa kompletament inkorret meta jghid dan il-punt li gie sollevat fl-istadju ta’ l-appell ma giex kunsidrat mill-Qorti.

Illi fuq dan il-punt ghandu jigi rilevat illi fl-ewwel lok mhux minnu li l-Perit David Pace ghandu parentela u jigi kugin ta’ Christine mart Robert Pace.

Il-verita` hija illi Christine mart Robert Pace, **li hija l-parti fil-kawza** ma ghandiex parentela mal-perit David Pace izda huwa zewgha Robert li huwa kugin tal-Perit.

Illi fit-tieni lok ir-rikorrent huwa kompletament inkorrett meta jghid illi dan il-punt ma giex ikkunsidrat mill-Qorti meta fil-fatt gie sollevat minnu fl-istadju ta’ l-appell u trattat miz-zewg kontendenti.

Illi jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-30 ta’ Mejju 2003 illi din il-Qorti mhux talli hadet konjizjoni ta’

dan l-aggravju izda tat ir-ragunijiet taghha biex waslet biex tichad din il-pregudizzjali.

3) Illi aggaravju iehor avvanzat mir-rikorrent huwa illi l-Prim'Awla ma kenitx il-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-vertenza izda il-Bord li Jirregola l-Kera.

Din l-eccezzjoni giet trattata u deciza mill-Qorti jekk wiehed jindenja ruhu jaqra l-kontenut tas-sentenza ta' l-Appell.

Illi meta wiehed jezamina l-argumenti li ghamel ir-rikorrent in sosten ta' l-allegazjoni tieghu li s-sentenzi fuq imsemmija ivvjolaw id-drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq, mill-ewwel wiehed jinduna bl-isforzi fierha ezercitati minnu biex jiggustifika t-talbiet f' dan ir-rikors.

Illi dak li qieghed jittenta r-rikorrent huwa li juza' l-Qorti Kostituzzjonali biex jerga' jittratta l-kawza ampjament diskussa mill-partijiet u deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell - stratagemma li sfortunatament qieghda tintuza minn xi whud li ma jistghux jirrassenjaw ruhhom ghad-decizjoni finali tal-Qorti u b'dan il-metodu qeghdin inaqsu mir-rispett u serjeta` li tispetta lill-Qorti Kostituzzjonali bhala l-oghla Qorti tal-Qrati taghna.

Illi fl-ahharnett ta' minn isemmi wkoll illi r-rikorrent irritorna l-pussess tal-fond in kwistjoni lill-esponenti.

Illi l-unika pendenza bejn il-partijiet hija l-kawza introdotta mill-esponenti kontra r-rikorrent biex jithallsu ghal okkupazzjoni illegali ta' dan il-fond mir-rikorrent - liema kawza tinsab pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Illi jekk hemm xi kumpens dovut dan jirispetta lill-esponenti u mhux lir-rikorrent kif qieghed jitlob b'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu li l-allegazzjonijiet maghmula f'dan ir-rikors huma nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mid-19 ta' Novembru 2004 sat-2 ta' Dicembru 2005.

Rat in-nota ta' l-attur datata 18 ta' Frar 2005 a fol. 19 tal-process fejn biha ipprezenta l-affidavit ta' Dr. Hugh Peralta; u n-nota datata 6 ta' April 2005 (fol.21) li biha esebixxa rikostruzzjoni tal-process tal-kawza precedenti numru 256/94 fl-ismijiet "**Helen mart il-President tal-Qorti ta' l-Appell Dottor Carmelo Schembri u l-istess President Carmelo Schembri et vs Anthony George Zahra ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Alpine Travel Limited."**

Rat in-nota ta' l-intimati kollha (barra dik ta' l-Avukat Generali) ipprezentata *seduta stante* fil-25 ta' Mejju 2005 a fol.148 tal-process illi biha esebew tliet dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tas-17 ta' Jannar 2006 u tal-25 ta' April 2006 fejn id-difensuri qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghall-4 ta' Ottubru 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici datata l-1 ta' Dicembru 2005, u tal-intimati kollha minbarra l-Avukat Generali datat 21 ta' Dicembru 2005 u dik ta' l-Avukat Generali datata 24 ta' April 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ODJERNA.

Illi s-socjeta' rikorrenti Alpine Travel Limited kienet tikri l-fond kummercjali f'Bisazza Street, Sliema minghand l-intimati Schembri u dan permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni tal-15 ta' Dicembru 1969. L-intimati pprezentaw kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn talbu li s-socjeta' rikorrenti tigi zgumbrata mill-fond *stante* alterazzjonijiet strutturali fl-istess fond u dan bi vjolazzjoni tal-klawsola numru 7 ta' l-imsemmija skrittura.

Illi l-istess Qorti nnominat lill-Perit Arkitett David Pace biex jirrelata dwar l-iskrittura u l-allegati alterazzjonijiet strutturali fil-fond. Saret ir-relazzjoni mill-istess perit tekniku fejn sab favur l-atturi f'dik il-kawza. Inghatat sentenza minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli David Scicluna fis-26 ta' Mejju 2000 (Citaz. Numru 52/256/94) fejn gew milqugha t-talbiet tal-familja Schembri u gie ordnat l-izgumbrament tas-socjeta' rikorrenti mill-fond *de quo*. Ghalhekk is-socjeta' Alpine Travel Limited appellat minn dik is-sentenza u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet l-appell interpost b'decizjoni datata 30 ta' Mejju 2003. Is-socjeta' rikorrenti pprocediet b'kawza ghal ritrattazzjoni abbazi ta' l-**artikoli 811 (e) tal-Kap.12** li giet michuda wkoll b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell datata 14 ta' Mejju 2004.

Illi permezz tar-rikors odjern is-socjeta' rikorrenti qeghda tallega li 'l fuq imsemmija proceduri kienu lezivi tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti u mid-dritt li ma jsofrux diskriminazzjoni, a tenur tal-**artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**, kif ukoll vjolazzjoni tal-possedimenti taghhom skond l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Illi dan ir-rikors huwa bbazat (i) fuq l-allegazzjoni li l-Perit Tekniku inkarigat mill-ewwel Qorti u fuq liema l-ewwel Qorti strahet biex waslet ghall-konkluzjoni taghha kien imparentat ma' l-istess atturi; (ii) it-tribunal kompetenti biex jisma' l-kaz taghhom kien il-Bord tal-Kera u mhux il-Prim'Awla; (iii) diskriminazzjoni f'appikazzjoni tal-ligi ghalih sija fid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, kif ukoll fit-tgawdija tal-possedimenti tieghu; (iv) ir-ritrattazzjoni giet trattata u

deciza mill-istess gudikanti li kienu ddecidew il-kawza fl-ewwel lok.

Illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-intimati l-ohra kollha sostnew li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Partikolarment, l-intimati kollha barra l-Avukat Generali eccepew li dan huwa it-tielet appell tar-rikorrent mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan ir-rikors huwa manifestament frivolu u vessatorju billi l-lanjanzi kollha sottomessi fir-rikors gew trattati ampjament u decizi fis-sentenzi.

**(B) KOSIDERAZZJONIJIET LEGALI.**

Illi r-rikors odjern huwa bbazat fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, u mid-dritt li ma jsofrux diskriminazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea,** kif ukoll fuq l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll.**

Illi **l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi fis-sentenza **"Kenneth Brincat vs L-Avukat Generali et"** (Rik. Nru : 38/01/RCP) intqal:-

*'Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' "smiegh xieraq" u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati*

*b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.*

Illi fis-sentenza **"Domenico Savio Spiteri vs A.G. et"** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza **"St.Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li :-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament *stante* li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the*

*content of this requirement." **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)".***

*Inoltre'* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' **Andrew Grotrian** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia* f':-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6 (1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent." ("Dombo Beheer BV vs The Netherlands", 27 ta' Ottubru 1993)".*

*“In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6 (3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings.”*

Illi mbaghad hemm drittijiet ohra li johorgu minn dan l-artikolu fosthom il-kuncett ta’ *“judicial process”,* id-dritt ta’ *“an oral hearing”;* kif ukoll id-dritt illi d-decizjoni tkun motivata li fis-sentenza kif jirrizulta mis-sentenza **“Francis X. Aquilina vs. L-Avukat Generali et”** (P.A. (S.K.) (RCP) – 30 ta’ Mejju 2002) li ghaliha qed issir riferenza u fejn tali principji gew trattati.

Illi fis-sentenza **“Salov v Ukraine”** (App. No : 65518/01 – 6 ta’ Settembru 2005) intqal:-

*“The Court reiterates that in order to establish whether a tribunal can be considered ‘independent’ for the purposes of Article 6 (1), regard must be had, inter alia, to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of safeguards against outside pressures and the question whether it presents an appearance of independence (see, among many other authorities,* ***Findlay v. the United Kingdom****, judgment of 25 February 1997, Reports 1997-I, p.281, § 73).*

*The Court further reiterates that the existence of ‘impartiality’, for the purposes of Article 6 (1), must be determined according to a subjective test, on the basis of the personal conviction and behaviour of a particular judge in a given case – that is, no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias – and also according to an objective test – that is, ascertaining whether the judge offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see, among many other authorities,* ***Bulut v Austria****, judgment of 22 February 1996, Reports 1996-II, p.356, § 31, and* ***Thomann v Switzerland****, judgment of 10 June 1996, Reports 1996-III, p.815, § 30). Under the objective test, it must be determined whether there are ascertainable facts which may nevertheless raise doubts as to the courts’ impartiality. In this respect even appearances may be of*

*certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all in the parties to the proceedings".*

**<u>(I) L-EWWEL ILMENT.</u>**

Illi s-socjeta' rikorrenti ssostni li soffriet lesjoni tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq billi l-perit inkarigat mill-ewwel Qorti kien imparentat mal-intimati fir-rikors odjern. Huma sostnew li ma kienux jafu b'dan il-fatt u kieku kienu jafu kienu jopponu ghall-presenza tal-istess perit. Fil-fatt huma qed jallegaw li saru jafu bl-ezistenza ta' tali parentela wara d-decizjoni tal-istess kawza. Huma jargumentaw li l-fatt ta' l-ezistenza ta' tali parentela bejn min kien parti f'dak il-gudizzju, u izjed u izjed il-fatt li jitnaqqsu sensibbilment minn dawk il-garanziji ta' imparzjalita' u indipendenza li l-konvenuti kienu intitolati jistennew fis-smiegh tal-proceduri quddiem il-Qorti u wasslu biex jigi vjolat id-dritt taghhom. Inoltre' billi l-istess perit iddecieda wkoll punti legali li kienu fil-mansjoni tal-Qorti li tiddeciedi u mhux tal-perit, il-pregudizzju minnhom soffert fis-smiegh taghhom kien izjed gravi.

Illi bhala sekwenza ta' kif graw il-fatti, jirrizulta mill-atti processwali li gew ipprezentati fil-proceduri tar-rikors odjern, li l-kawza fejn gie mitlub li l-iskrittura tal-lokazzjoni tigi dikjarata xolta giet ipprezentata fl-1994. Waqt is-smiegh ta' dik il-kawza miet l-Onorevoli President tal-Qorti ta' l-Appell Dottor Carmelo Schembri fit-8 ta' Ottubru 1997 (a fol.175 tal-process). B'hekk saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-10 ta' Dicembru 1997 u b'hekk dahlet bhali parti fil-kawza Christine née Schembri mart Robert Pace. Wara tali dati s-seduti baqghu jsiru quddiem il-Perit Tekniku u r-rapport tieghu gie mahluf fit-23 ta' Novembru 1999.

Illi mhux kontestat li l-Perit David Pace huwa prim kugin ta' Robert Pace li huwa r-ragel ta' Christine Pace. Jigi nnutat li Robert Pace qatt ma kien parti fl-ebda proceduri bejn il-partijiet tar-rikors odjern. Jigi osservat ukoll li s-socjeta' rikorrenti qajjmet dan il-punt permezz ta' rikors biss fl-ewwel smiegh quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell. Infatti l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 2003 ikkunsidrat dan il-punt u cahdet li tali oggezzjoni kellha xi fondament guridiku. Infatti wara li ccitat l-**artikoli 648 u 653 tal-Kapitolu 12,** innotat li s-socjeta' Alpine Travel Limited ma ghamlitx il-prova mehtiega skond il-ligi meta saret taf bil-parentela in kwistjoni (a fol.127 tal-process).

Illi abbazi ta' dan ikkonkludiet is-segwenti :-

*"Inoltre', tajjeb illi jigi rilevat illi, ai termini ta' l-artikolu 734 tal-Kap.12, jista' jkun hemm lok ghall-astensjoni jew ghar-rikuza ta' gudikant jekk il-gudikant ikun 'qarib* <u>*mid-demm*</u> *fil-grad ta'* <u>*kugin*</u>*, ta' wahda mill-partijiet…" u* <u>*mhux jekk ikun qarib miz-zwieg*</u> *fi grad ta' kugin, bhal ma huwa l-kaz in ezami;"*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta, taqbel perfettament ma' tali konkluzjoni. Illi s-sentenzi kkwotati mis-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha jirreferu ghal sitwazzjonijiet li jirrigwardaw imhallfin u jidher li mhux kontestat li l-istess allegazzjoni lanqas tidhol taht il-parametri ta' l-imsemmi artikolu anke jekk l-istess jigi applikat ghall-periti teknici; dan apparti li hemm differenza kbira bejn il-posizzjoni ta' gudikant u dik ta' perit tekniku. Bizzejjed li hawn issir riferenza ghall-**artikolu 681 tal-Kapitolu 12** li huwa car u spjegattiv minnu nnifsu meta jghid:-

*"Il-qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha."*

Illi dan ifisser li l-posizzjoni ta' perit tekniku hija ferm differenti minn dik ta' gudikant, u din il-Qorti thoss li meta wiehed jara l-istess proceduri fl-intier taghhom ihoss li ma hemm ebda bazi sabiex jinghad li l-hatra tal-Perit David Pace f'dan il-kaz kisret b'xi mod id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli citati mir-rikorrenti, u dan kemm ghaliex ma jidhirx li fuq kollox il-parentela strettament mal-partijiet fil-kawza giet ippruvata, u wkoll ghaliex din il-Qorti thoss li l-posizzjoni ta' l-istess perit ma kenitx tali li jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq kif indikat u

prottett kemm fil-Kostituzzjoni u kemm fil-Konvenzjoni Ewropea, iktar u iktar meta jidher li l-perit tekniku kien informa lill-parti l-ohra *tramite* d-difensur legali taghha dwar il-posizzjoni tieghu, u dan anke waqt is-seduti u l-parti l-ohra naqset ukoll li tutilizzata l-procedura ta' **l-artikolu 653 tal-Kap 12;** f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fuq l-istess punt fid-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju 2003; ghalhekk dan l-ewwel ilment mhux gustifikat ghar-ragunijet premessi.

**(II) IT-TIENI ILMENT.**

Illi s-socjeta' rikorrenti qed tallega wkoll nuqqas ta' smiegh xieraq peress li t-tribunal kompetenti biex jisma' l-kaz taghhom kien il-Bord tal-Kera u mhux il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-kompetenza kienet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Skond is-socjeta' rikorrenti din id-decizjoni hija mibnija fuq il-mod kif l-atturi ppresentaw it-talba taghhom. Qed tissottometti li huma gew privati minn dik il-protezzjoni specjali li kull inkwilin igawdi taht il-ligijiet specjali tal-kera billi tnehha mill-applikazzjoni ghall-kaz taghhom d-disposizzjonijiet ta' dawk il-ligijiet specjalment, u t-tieni nett b'dan il-mod kien possibbli ghall-atturi li bl-ghazla tal-gurisdizzjoni minnhom maghmula huma gew privati mill-istess drittijiet u protezzjoni taht il-ligijiet specjali tal-kera. Ghalhekk kien hemm nuqqas ta' smiegh xieraq minn tribunal kompetenti skond il-ligi u diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' dak id-dritt kif ukoll inugwaljanza fil-parita ta' armi rikjesta ghal smiegh xieraq bejn il-partijiet f'kawza.

Illi jinghad li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet l-eccezzjoni ta' inkompetenza li tressqet quddiemha billi rreferiet ghall-gurisprudenza in materja u ddecidiet kif hasset li hija l-pozizzjoni legali korretta u applikatha ghall-kaz li kellha quddiemha. Din il-Qorti ma tarax li hemm xi haga li tista' tissindaka l-mod ta' kif l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell imxiet u z-zewg partijiet kellhom kull opportunita' biex iressqu l-punti taghhom. Huwa evidenti li s-socjeta' rikorrenti ma qablitx mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq dan il-punt izda dan ma

jwassalx biex jinghad li kien hemm nuqqas ta' smiegh xieraq f'dan il-kaz; u dan anki abbazi tal-kazistika aktar 'il fuq imsemmija.

Illi s-socjeta' rikorrenti allegat ukoll diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-dritt ghal smiegh xieraq minn tribunal kompetenti u rreferiet ghall-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni** li jghid:-

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status iehor."*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali** (28 ta' Mejju 1985):-

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the 'enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter." (Vide* ukoll, **"Gaygusuz v Austria"** deciza mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Settembru, 1996).

Illi fil-**"Belgian Linguistic Case"** (E.H.R.R. 241; Feb, 1967) il-Qorti Ewropea stabbilit il-kriterji jekk differenza fi trattament tmurx kontra l-**artikolu 14,** u pprovdiet illi:-

*"…the principle of equality of treatment is violated if the distinction has no objective and reasonable justification. The existence of such a justification must be assessed in relation to the aim and effect of the measure under consideration, regard being had to the principles which normally prevail in democratic societies. A difference of*

*treatment in the exercise of a right laid down in the Convention must not only pursue a legitimate aim : Article 14 is likewise violated when it is clearly established that there is no reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised.”*

Illi fuq l-istess aspett fil-kaz **“Wessels-Bergervoet v The Netherlands”** (deciza mill-Qorti Ewropea fl-4 ta’ Settembru, 2002) fejn inghad :-

*“The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the employment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification.”*

Illi jinghad mill-ewwel li l-ilment tas-socjeta’ rikorrenti huwa wkoll wiehed infondat. Hija allegat li kien hemm diskriminazzjoni izda l-ebda prova ma ngabet sabiex is-socjeta’ rikorrenti tissostanzja l-allegazzjoni taghha u dan abbazi ta’ dak stipulat fl-imsemmi artikolu u dan ghaliex jrid jigi ppruvat li kien hemm diskriminazzjoni fuq wahda mill-bazijiet inidikati fl-istess artikolu, u dan huwa ghal kollox mankanti minn dak provdut mir-rikorrenti.

Illi dan huwa bazilari jekk ghandha tirnexxi l-allegazzjoni tar-rikorrenti fuq dan il-punt, izda dan certament ma sarx mis-socjeta’ rikorrenti. Dan apparti li ma jezistux l-elementi bazilari sabiex dan l-istess artikolu jista’ jigi nvokat u dan skond l-elementi rikjesti anke mill-kazistika kkwotata aktar ‘il fuq, u dan apparti dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Anne Miller pro et noe et vs L-Avukat Generali et”** (P.A. (LFS) - Rik. Nru: 19/02/LFS – 25 ta’ Jannar 2006) fejn giet citata d-decizjoni fl-ismijiet **“Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et** moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fit-22 ta’ Novembru 2001 u fejn gie riaffermat li:-

*“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f’sitwazzjonijiet simili jigu trattati b’mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u*

*oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti….Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" – Harris Boyle and Warbrick page 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" – Gomien Harris, and Zwack pag 345 et. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."*

Illi huwa evidenti li s-socjeta' rikorrenti ma ssodisfatx tali oneru. Ma ngabu minnha l-ebda paraguni a konjizzjoni ta' din il-Qorti li setghet twassalha ghall-konkluzjoni li s-socjeta' rikorrenti giet diskriminata kontra b'mod arbitrarju fuq il-bazijiet indikati fl-istess artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u lanqas gie ppruvat li hemm xi kaz fejn ma kienx hemm proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat u dan meta mqabbla ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Ghalhekk anki dan l-ilment qed jigi michud ghax huwa infondat fil-fatt u fid-driit.

**<u>(III) IT-TIELET ILMENT.</u>**

Illi s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet ukoll li tezisti gurisprudenza li trid li diversi sitwazzjonijiet fejn isiru tibdiliet strutturali ma jwasslux ghall-evazzjoni ta' l-ikwilin mill-fond. Huma biss dawk it-tibdiliet strutturali l-aktar gravuzi li jwasslu ghall-izgumbrament. Fil-kaz prezenti l-inkwilin gie zgumbrat, abbazi ta' dak li rraporta u ddecieda l-perit tekniku, allavolja l-element ta' alterazzjoni kien minimu. Kwindi s-socjeta' rikorrenti thossha li giet diskriminata fl-applikazzjoni tal-ligi ghaliha, diskriminazzjoni li hija sofriet fid-dritt taghha ghal smiegh xieraq, kif ukoll fit-tgawdija tal-possedimenti taghha.

Illi ghal dak li jirrigwarda diskriminazzjoni ssir referenza ghall-kazistika u insenjamenti msemmija taht l-ilment precedenti. Ghal darb'ohra jinghad li s-socjeta' rikorrenti

ma gabitx provi biex tissosstanzja din l-allegazzjoni taghha. L-ebda sentenzi ma gew ikkwotati li setghu forsi jitfghu xi dawl fuq l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors odjern fid-dawl tal-provvedimenti dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti lanqas jistghu jwasslu ghal dak minnha allegat kemm legalment u kemm fattwalment u dan wkoll ghaliex is-socjeta’ rikorrenti mhiex lanqas korretta f’dak li sostniet. Dan qed jinghad peress li bhala fatt jirrizulta li kontrarjament ghal dak allegat mis-socjeta’ rikorrenti l-inkwilin gie zgumbrat wara li nghatat is-sentenza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell u mhux kif qed jinghad li gie zgumbrat abbazi ta’ dak li rrapporta u ddecieda l-Perit Tekniku. Jigi ripetutut li l-Qorti mhiex marbuta li taddotta r-rapport tal-Perit Tekniku u ghalhekk din il-Qorti, kif presjeduta, m’ghandha l-ebda dubju li l-Qorti li kienet se tiddeciedi, evalwat il-provi kollha li kellha quddiema, u ddecidiet kif iddecidiet ghax kienet moralment konvinta li hekk kellu jsir mill-provi li kellha quddiema u fil-fatt is-sentenza hija hekk motivata kemm fl-ewwel grad u wkoll fit-tieni grad.

Illi fit-tieni lok, is-socjeta’ rikorrenti donna qed tinsa li fil-kaz taghha kien hemm klawzola fl-iskrittura ta’ lokazzjoni, li hija kienet firmatarja taghha, (klawzola numru 7) li sakemm is-sid ma jaghtix il-kunsens tieghu bil-miktub, l-inkwilin kien vjetat milli jaghmel alterazzjonijiet strutturali. Mill-provi prodotti rrizulta u jidher li ma kienx kontestat li s-socjeta’ rikorrenti ghamlet alterazzjonijiet strutturali fil-fond in kwistjoni minghajr ma ottjeniet il-kunsens bil-miktub ta’ l-atturi. Ma jidhirx li din il-klawsola kienet kwalifikata fis-sens li l-kunsens bil-miktub ried jigi ottjenut biss jekk l-alterazzjonijiet strutturali kienu se jkunu gravuzi. Dawn il-konsiderazzjonijiet fattwali u legali jidher li gew trattati mill-Qorti jew Qrati kompetenti u din il-Qorti thoss li taht dan l-aspett dan l-aggravju huwa tentattiv ta’ appell ulterjuri mis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

Illi ghalhekk anki dan l-ilment qed jigi michud ghar-ragunijiet premessi.

**(IV) IR-RABA' ILMENT.**

Illi fl-ahharnett is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta li d-dritt taghha ghal smiegh xieraq gie lez ulterjorment meta r-ritrattazzjoni giet trattata u deciza mill-istess gudikanti li kienu ddecidew il-kawza fl-ewwel lok. Hawn qed jigi wkoll allegat li dan kompla naqqas dawk il-garanziji ta' imparzjalita' li hija kienet intitolata tistenna, u dan anke indipendentement mill-fatt jekk dawk il-gudikanti kienux imparzjali jew le.

Illi jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti pprezentat kawza ta' ritrattazzjoni abbazi ta' l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.**

Illi f'dan ir-rigward fl-ewwel lok ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Maria Rosa Tabone vs Avukat Generali et"** (P.A. (RCP) - Rik. Nru : 659/98/RCP – 30 ta' Mejju 2000) u ghall-principji hemm enuncjati kemm rigwardanti d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 811 (i)** u l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** fejn dwar l-ewwel sub-artikolu saret riferenza ghad-decizjoni tal-**Qorti Kostituzzjonali** fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Bugeja et vs Onor. Prim Ministru et" (17 ta' Gunju 1994)** fejn inghad illi:-

*"Hawn si tratta ta' kaz fejn qed jigi prospettat li l-Qorti li tkun ezaminat is-sentenza tkun tat decizzjoni kontradittorja in bazi tal-ligi u mhux in bazi ta' zball ta' fatt. Jista' jinghad li anke hawn allura wiehed ghandu jipprezumi li kull gudikant integru, rett u ta' fibra kapaci jara u jaccetta tali konstatazzjoni, izda fl-istess waqt wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li il-gudizzju ghandu* ***jidher*** *li jkun gust u imparzjali anke f'ghajnejn u fil-konsiderazzjoni ta' kull wahda mill-partijiet……...Fil-Kaz ipprospettat fil-paragrafu (i) l-istess gudikant ikun qed jigi adebit u mitlub mill-parti biex jiddeciedi mill-gdid ghar-raguni li s-sentenza li jkun ta hu stess kienet kontradittorja jew ahjar, biex jintuza' l-kliem tal-ligi, tkun tikkontjeni "disposizzjonijiet kontra xulxin". Kemm jista' jitqies li fic-cirkostanzi l-parti promotrici tkun thossha fiducjuza*

*soggettivament fl-imparzjalita' tal-Qorti ppresjeduta mill-istess gudikantli f'sitwazzjoni simili".*

Illi inghad li din is-sentenza appena citata hija bbazata fuq sentenza simili li inghatat ukoll mill-**Qorti Kostituzzjonali** ukoll fuq materja ta' ritrattazzjoni pero' fuq l-**artikolu 814** meta abbinat mal-**Artikolu 811 (e) tal-Kap 12** fil-kawza fl-ismijiet **"Frank Cachia vs. Onor. Prim Ministru et"** (10 ta' Ottubru 1991) fejn fuq l-skorta tal-principju stabbilit f'diversi kawzi decizi mill-Kummissjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti Ewropea, dwar vjolazzjoni tal-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea,** li *"there is a violation of the above mentioned provision of the Convention if the Tribunal which has to determine the merits of the charge was capable of appearing open to doubt"* **(Ben Yaacoub, Piersack, u DeCubber),** ikkonkludiet illi kawza ta' ritrattazzjoni bbazata fuq l-**artikolu 811 (e)** ma tigix fdata f'idejn l-istess gudikant li jkun ta' decizzjoni dwarha li fuqha jkun hemm tali ilment skond is-sub-artikolu indikat, u dan peress li l-gustizzja mhux biss trid issir izda *"f'ghajnejn il-pubbliku in generali ghandu jkun **jidher** li l-gustizzja qeghda ssir"* .

Illi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Lucia Salamone et vs Francis Dingli"** tat-13 ta' Ottubru 1992, l-istess Qorti iddeciediet li ma taghmilx riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar allegat ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** billi ddecidiet illi r-ritrattazzjoni ibbazata fuq l-**artikoli 811 (f) (g) (i)** meta tinstema mill-istess Imhallfin ma tkunx qed tikser d-dritt tar-rikorrenti ghall-smiegh xieraq, u dan peress li ma jezistux fl-istess sub-artikoli l-effetti ndikati bis-sentenza appena citata li hemm fl-**artikolu 811 (e).** Illi b'hekk jidher car li din is-sentenza ikkonfermat is-sentenza "**Frank Cachia vs Onor. Prim Ministru et".**

Illi skond is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Maria Rosa Tabone vs Avukat Generali et"** allura inghad li:-

*"Minn dan kollu jidher car li skond is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, gie dikjarat li dik il-parti tal-**Artikolu 814 tal-Kap 12** fejn hemm pprovdut illi "jistghu joqghodu l-*

*istess imhallfin jew magistrati" li jkunu taw is-sentenza attakkata, fil-kazijiet fejn ir-ritrattazzjoni tkun qeghda tintalab ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 811 (e) u (i)** tidher li ma hijiex konsona mal-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni*** **Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali** u ghalhekk b'effett tal-**Artikolu 3 (2) tal-Kap 319,** *tali artikoli 811 (e) u (i) abbinati mal-Artikolu 814 fejn jinghad li jistghu joqghodu l-istess Imhallfin u magistrati li ppresjedew fis-sentenza attakata, jigi rez null u bla effett, kull fejn huwa inkosistenti mal-istess artikoli tad-drittijiet fundamentali. Dan inghad b'mod car fis-sentenza **"Frank Cachia vs. Onor. Prim Ministru"** anzi inghad ukoll tali disposizzjonijiet tal-ligijiet ordinarji hekk dikjarati inkostituzzjonali jigu rezi bla effett. Dan ir-rizultat jezimi kull awtorita' mill-bzonn li jsiru emendi jew revoki, skond il-kaz ta' ligijiet".*

*"Illi ghalhekk dan ifisser li la darba ligi tigi iddikjarata, b'sentenza li ghaddiet in gudikat mill-Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali, li tilledi id-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif sanciti fil-**Kap 1 u Kap 319,** tali ligi skond l-ordinament giuridiku Malti, lanqas biss tkun ghadha tezisti. Minn dan isegwi li (a) tal-ligi ma tkunx izjed tista' tigi applikata, u (b) multo magis, ma jistax ikun hemm pronunzjament minn kwalunkwe Qorti ohra, anke dik Kostituzzjonali, li ma jikkonformax ruhu mal-istess sentenza u jiddikjara tali ligi in konformita` mal-kostituzzjoni*, *meta tkun gia' bil-mod premess, gia giet iddikjarata kontra l-kostituzzjoni. Kull argument kontra dan, jirrendi is-Supremazija tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem protetti, skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 1 u 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** kif prottetti fl-**artikoli 47 (7) tal-Kap 1, u l-artikolu 3 (2) tal-Kap 319** ghall-kollox superflui".*

*"Illi la darba gie stabbilit il-premess, u applikat ghall-kaz de quo jirrizulta li hemm soluzzjoni wahda ghal din il-pendenza u cioe' li jigu milqugha it-talbiet tar-rikorrenti stante li kif gie stabbilit fis-sentenza **"Carmela Bugeja et vs Onor. Prim' Ministru et" tas-17 ta' Gunju 1994,** "l-kliem ta' l-artikolu 814 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u*

*Procedura Civili "u jistghu joqghodu l-istess Imhallfin jew Magistrati", jivvjolaw id-dritt fondamentali ta' l-esponenti sancit fl-artikolu 6 (1) fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' 1987 u dan fir-rigward tal-artikolu 811 (i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u konsegwentement is-smiegh tar-ritrattazzjoni mill-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza tas-27 ta' Jannar 1997 (Citaz. Numru 26/93) jivvjola ukoll id-dritt fondamentali ta' l-esponenti sancit mill-artikolu 6 (1) tal-Kap 319".*

*"Illi huwa veru li **l-artikolu 814 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** bl-emendi tal-Att XXIV tal-1995, illum sar jaqra hekk:-*

*"**Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II it-Tielet Ktieb,** it-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha issir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistghu joqghodu fiha l-istess Imhallfin jew magistrati".*

Illi pero' biz-zieda tal-kliem fuq indikati "*bold",* li jirreferu ghall-**artikolu 734** dwar r-ragunijiet ta' rikuza jew astensjoni ta' gudikant, ma tbiddel xejn mill-inkonsistenza tal-kliem lamentati fl-**artikolu 814** meta konbinati ma' l-**artikolu 811 (e) u (i) tal-Kap 12,** ghaliex ineffetti dan ma jipprekludiex li l-istess gudikanti li ddecidew is-sentenza attakkata xorta jippresjedu fuq ritratazzjoni ibbazati fuq l-**artikoli 811 (e) u (i) tal-Kap 12,** kif *di piu'* gara f'dan il-kaz, li ppromuova r-rikors odjern.

Illi infatti dak li inghad fis-sentenzi citati **"Carmela Bugeja et vs Onor. Prim Ministru" u "Frank Cachia vs Onor. Prim'Ministru"** ma huwiex li l-gudikant ghandu jastjeni jew jigi rrikuzat *ai termini* ta' l-**artikolu 734 (1),** *izda li d-disposizzjonijiet li jghidu li f'kazijiet ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811 (e) u (i) skond l-artikolu 814 jisghtu jigu presjeduti mill-istess gudikanti li taw is-sentenza attakkata hija inkonsistenti mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ghaliex tilledi d-dritt tar-rikorrenti ghas-smiegh imparzjali minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf mill-ligi. Fi kliem iehor in forza ta' tali sentenzi, l-kaz attakkat b'ritrattazzjonijiet ghar-ragunijiet indikati ma jista'*

*jigi qatt quddiem l-istess imhallfin jew magistrati li taw is-sentenza attakkata, u dan ma ghandux jiddependi la fuq id-dikjarazzjoni tal-gudikant sabiex jastjeni u lanqas fuq talba tar-rikorrenti ta' rikuza, ghaliex b'tali pronunzjamenti kostituzzjonali l-istess gudikanti huma prekluzi milli jippresjedu u jisimghu l-istess bazi ta' ritrattazzjoni "a priori". Mhux biss, izda la darba tali ligi giet resa ghal kollox ineffikaci bid-disposizzjonjijiet tal-**artikolu 3 (1) tal-Kap 319**, il-Qrati kollha ghandhom jaghtu effett ghall-istess decizzjoni, bl-applikazzjoni tal-ligi suprema tal-pajjiz",* f'dawk li huma drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi din il-pozizzjoni giet segwita bis-sentenzi **"Lucia Salamone et vs Francis Dingli"** u anke **"Joseph Micallef vs George Pavia" (A. C. 5 ta' Frar 1993)** fejn f'din l-ahhar sentenza inghad illi *"bis-sentenza "Frank Cachia vs Onor. Prim Ministru…………illum hemm deroga ta' natura kostituzzjonali ghall-imsemmi artikolu 814 Kap 12"* tant li l-istess Imhallfin sedenti accettaw l-eccezzjoni ta' rikuza u rrikuzaw ruhhom sabiex ir-ritrattazzjoni "*tigi ikkunsidrata minn dik il-Qorti diversament komposta."* Ta' l-istess portata bhal din hija s-sentenza **"Joseph Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Q.K. 14 ta' Lulju 1995).

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **"Arcidiacono Limited vs Avukat Generali et"** il-kwistjoni li riedet tiddeciedi dwarha dik il-Qorti kienet li jekk qorti, li quddiemha ssir talba ghal ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (e)**, u li fil-konfront tal-Imhallef jew Imhallfin komponenti dik il-Qorti tinghata l-eccezzjoni tar-rikuza peress li dak l-imhallef jew dawk l-imhallfin ikunu taw is-sentenza li r-ritrattazzjoni taghha tkun qed tintalab, tistax, minghajr ma tkun qed tilledi d-dritt ghal smiegh xieraq tal-parti li taghti dik l-eccezzjoni, qabel ma tilqa' dik l-eccezzjoni l-ewwel tara jekk *prima facie* hemmx verament bazi ghar-ritrattazzjoni taht l-imsemmi paragrafu (e), b'mod ghalhekk li jekk tiddeciedi li *prima facie* ma hemmx bazi tista' tkompli tisma' l-kawza u, evidentement, tista' tilqa' jew tichad it-talba ghar-ritrattazzjoni.

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali waslet ghad-decizjoni taghha bil-mod segwenti:-

*"Fil-kuntest ta' din il-kwistjoni, tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor l-izvilupp gurisprudenzjali. Tista' tghid li sa Ottubru 1991 id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 814 tal-Kap.12 kienet tigi interpretata li l-istess imhallfin li taw is-sentenza attakkata <u>ghandhom</u> jisimghu u jiddeciedu fuq it-talba ghar-ritrattazzjoni. Bis-sentenza* ***Frank Cachia v. Onorevoli Prim Ministru noe et*** *(Qorti Kostituzzjonali 10/10/1991) gie bazikament deciz ghall-ewwel darba li meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tkun imsejsa fuq il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811, l-Imhallfin li jkunu taw is-sentenza attakkata ma jistghux, jekk jigu rikuzati, jibqghu jisimghu il-kaz tar-ritrattazzjoni. Jidher, pero', li wara din is-sentenza nibtet il-biza' li min irid itawwal il-proceduri (per ezempju, biex ma johrogx minn post li minnu jkun gie ordnat jizgombra, jew biex ma jhallasx debitu) jista' jinqeda bil-paragrafu (e) tal-imsemmi Artikolu 811 fis-sens illi jitlob ir-ritrattazzjoni fuq l-icken pretest u, peress li jinvoka bhala bazi ghar-ritrattazzjoni l-imsemmi paragrafu, jikseb ri-ezami tal-kaz quddiem gudikant jew gudikanti differenti minn dawk li jkunu ddecidew l-appell b'tali mod li bhal speci jikseb forma ta' 'appell' fit-tielet grad – grad ta' appell li mhux koncess fil-ligi taghna. Jidher li kien ghalhekk li sensiela ta' sentenzi ddecidew li, meta r-ritrattazzjoni tkun qed tintalab a bazi tal-paragrafu (e) tal-Art.811 imsemmi, u meta tintalab ir-rikuza tal-Imhallef jew Imhallfin, il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk, almenu prima facie, it-talba ghar-ritrattazzjoni tkunx verament a bazi tal-imsemmi paragrafu (e) qabel ma tintlaqa' l-eccezzjoni tar-rikuza (Ara fost ohrajn* ***Joseph Micallef v. George Pavia*** *Qorti ta' l-Appell, 5 ta' Frar, 1993;* ***Fedele Dalli v. Coronato Sarè*** *Qorti ta' l-Appell, 26 ta' Ottubru 1994;* ***Dottor Carmelo Vella et v. Segretarju tad-Djar, illum Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et*** *Qorti ta' l-Appell, 17 ta' Jannar 1996;* ***Francesco Saverio Borg v. Direttur Generali u Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja et*** *Qorti Kostituzzjonali, 15 ta' Marzu 1996). Hekk ukoll in effetti ddecidiet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appellata tat-12 ta' Jannar, 2004".*

*“Din il-Qorti, pero’, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li meta ritrattazzjoni tintalab a bazi tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 811, u meta parti – normalment ir-ritrattandi – jirrikuza skond il-ligi lill-Imhallef jew Imhallfin li jkunu taw is-sentenza li tkun qed tigi attakkata, dak l-Imhallef jew dawk l-Imhallfin bhala regola generali ma jistghux jipprocedu biex jezaminaw jekk il-bazi tar-ritrattazzjoni tkunx verament prima facie ibbazata fuq l-imsemmi paragrafu <u>minghajr ma jigi lez l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni</u>. Dan qed jinghad ghax, indipendentement mill-fondatezza o meno, prima facie jew mhux prima facie, tat-talba ghar-ritrattazzjoni, bil-fatt li dak l-Imhallef jew dawk l-Imhallfin jghaddu biex jezaminaw ‘il-bazi tar-ritrattazzjoni’ ikunu effettivament qed <u>jezaminaw l-operat taghhom stess</u> fir-rigward tas-sentenza li tkun qed tigi attakkata. Dan necessarjament jista’ inissel dubju fondat, ossia legittimu w oggettivament gustifikabbli, f’mohh il-partijiet pero’ forsi l-aktar f’mohh il-parti li tkun tat l-eccezzjoni tar-rikuza, dwar l-imparzjalita’ oggettiva ta’ l-istess Imhallef jew Imhallfin. Kif jispjegaw l-awturi Harris, O’Boyle, Warbrick:-*

*‘The objective test of ‘impartiality’ is comparable to the English Law doctrine that ‘justice must not only be done: it must also be seen to be done’. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of appearances’. As the Court has stated, ‘[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused’ (**Fey v Austria** A255-A para 30(1993)). In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is ‘important but not decisive’; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be ‘objectively justified’ (**Hauschildt v Denmark** A154 para 48 (1989). If there is a legitimate doubt as to a judge’s impartiality, he must withdraw from the case (Harris, D.J., O’Boyle, M.; Warbrick, C. Law of the European Convention on Human Rights, Butterworths (London), 1995, p.235.)”.*

*"Dak li ghadu kif inghad fil-paragrafu precedenti jikkostitwixxi biss regola generali applikabbli fil-maggoranza tal-kazi, pero' mhuwiex eskluz li din ir-regola jista' jkollha eccezzjonijiet fil-kazijiet kongruwi.*

*Infatti, ma jidher li hemm xejn antikostituzzjonali li l-istess imhallef jew imhallfin jiddeciedu talba ghal ritrattazzjoni meta dik it-talba issir wara li jkun ghalaq iz-zmien preskritt bil-ligi, jew jekk ma ssirx il-kawtela skond il-ligi. Dan huwa hekk ghaliex f'kazijiet bhal dawn dak l-imhallef jew imhallfin ma jkunux qeghdin jezaminaw l-operat taghhom stess, izda jkunu sempliciment qeghdin jezaminaw jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni saritx ritwalment."*

Illi din il-kwistjoni mertu tal-vertenza odjerna giet ukoll trattata mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **"Case of San Leonard Band Club v Malta"** (App. No : 77562/01 – 29 ta' Lulju 1994). F'dan il-kaz is-socjeta' rikorrenti ghalkemm ma kienitx irrikuzat formalment lill-Imhallfin sedenti pero' kienet talbithom biex jastjenu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Ir-ritrattazzjoni kienet qed tintalab a bazi ta' l-**artikolu 811 (e).** Il-Qorti Ewropea ddecidiet :-

*"In the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient".*

*"These circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified."*

Illi ghalhekk huwa llum stabbilit bhala principju li f'kazijiet fejn ikun hemm proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** ma jistghux jigu decizi mill-istess Imhallfin li jkunu ddecidew l-appell ghaliex ikun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta u din il-Qorti thoss li llum la darba hemm dawn id-dikjarazzjonijiet mill-Qrati nostrali u wkoll issa mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem huwa car li legalment lanqas huwa izjed possibbli li l-istess gudikanti li ddecidew il-kaz jiddeciedu wkoll kawzi ta' ritrattazzjoni fuq l-istess kaz

ibbazati fuq l-**artikolu 811 (e)** u dan abbinat ma' l-**artikolu 814.**

Illi din il-Qorti thoss li dan il-kaz jaqa' taht dawn ir-regoli u dan huwa indipendenti mill-fatt jekk intalbitx rikuza jew le u din il-Qorti thoss li abbazi tas-sentenza tal-Qorti Ewropea l-punt deciziv huwa li oggettivament jirrizulta li dak li giet mitluba taghmel l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza ta' ritrattazzjoni, ladarba din hija bbazata fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12,** huwa sabiex *"in the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient"*, u ladarba huwa hekk, *"these circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li dan jinsab ikkonfermat anke mis-setenza kostituzzjonali li ssemmiet fil-kaz ta' **"Arcidiacono Limited vs l-Avukat Generali et"** fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet li meta ssir talba taht l-**artikolu 811 (e)** effettivament tkun qed issir talba sabiex l-istess gudikanti *"jezaminaw l-operat taghhom stess"* u dan inissel dak li l-istess Qorti sejhet bhala *"dubbju fondat, ossia legittimu w oggettivament gustifikkabbli, f'mohh il-partijiet pero' forsi l-aktar f'mohh il-parti li tkun tat l-eccezzjoni tar-rikuza, dwar l-imparzjalita' oggettiva ta' l-istess Imhallef jew Imhallfin".*

Illi dwar il-punt ta' talba ghar-rikuza li jidher li ma saritx f'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li dak li nghad iktar il-fuq jipprexxindi minn din il-kwistjoni, u dan peress li la darba huwa llum stabbilit li d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 811 (e)** u l-**artikolu 814 tal-Kap 12** huma suggetti ghall-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** u la darba hemm sentenzi kemm tal-Prim'istanza u tal-Qorti Kostituzzjoni li ddikjaraw li tali artikoli huma anti-kostitizzjonali, minkejja li ghadhom jidhru fil-ligi taghna, liema sentenzi ilhom is-snin li ghaddew in gudikat, bl-applikazzjoni ta' **l-artikolu 3 (1) tal-Kap 319** tali ligi giet resa kompletament ineffikaci, b'dan li *"ritrattazzjoni ghar-ragunijiet indikati* (artikolu 811 (e)) *ma jista' jigi qatt quddiem l-istess imhallfin jew*

*magistrati li taw is-sentenza attakkata, u dan ma ghandux jiddependi la fuq dikjarazzjoni tal-gudikant sabiex jastjeni u lanqas fuq talba tar-rikorrenti ta' rikuza, ghaliex b'tali pronunzjament kostituzzjonali l-istess gudikanti huma prekluzi milli jippresjedu u jisimghu l-istess bazi ta' ritrattazzjoni "a priori""* (*vide* **"Maria Rosa Tabone vs Avukat Generali et").**

Illi fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li dan l-ilment ghandu jigi milqugh u l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat l-Avukat Generali ghandha tigi michuda, b'dan li s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Helen mart il-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri et vs Anthony George Zahra nomine"** (Appell Civili Numru 256/1994/2) datata 14 ta' Mejju 2004 hija nulla u bla effett u b'dan li l-kawza ta' ritrattazzjoni indikata mibdija mis-socjeta' rikorrenti bir-rikors taghha datat 18 ta' Gunju 2003 ghandha tigi riappuntatata, trattata u deciza minn tliet imhallfin li ma jkunux ddecidew s-sentenza ta' Onorabbli Qorti tal-Appell fuq indikata fl-istess ismijiet premessi deciza fit-30 ta' Mejju 2003 (Citaz. Numru 256/1994) u dan huwa rimedju sufficjenti ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti kif hawn indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad ir-risposti rispettivi tal-intimati in kwantu l-istess huma nkompattibbli mal-premess, **tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha tat-18 ta' Ottubru 2004 biss u limatament ghal dak indikat fit-tielet paragrafu tat-tielet faccata tar-rikors tas-socjeta' rikorrenti u nkwantu hawn deciz b'dan ghalhekk li:-**

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Helen mart il-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri et vs Anthony Goerge Zahra nomine"** (Appell Civili Numru 256/1994/2) datata 14 ta' Mejju 2004 hija nulla u bla effett *stante* li gie vjolat id-dritt tas-socjeta' rikorrenti abbazi ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** fil-parametri ta' dak

hawn fuq deciz u b'dan ghalhekk li l-kawza ta' ritrattazzjoni indikata mibdija mis-socjeta' rikorrenti bir-rikors taghha datat 18 ta' Gunju 2003 ghandha tigi riappuntatata, trattata u deciza minn tlett imhallfin li ma jkunux iddecidew s-sentenza ta' Onorabbli Qorti tal-Appell fuq indikata fl-istess ismijiet premessi deciza fit-30 ta' Mejju 2003 (Citaz. Numru 256/1994).

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn l-intimat Avukat Generali u l-intimati l-ohra Helen Schembri et .

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------